MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 174/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Spiridione Zammit)**
**Vs**
**Lawrence Theuma**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant (ID 667658(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Gunju, 2008 ghal habta ta' 9:30pm waqt li kien fi Triq Hompesh, Fgura, ikkaguna sfregju gravi u permanenti fil-wicc tal-persuna ta' Godwin Schembri mill-Fgura skond ma ccertifika it-tabib Dr.Jesmond Cassar mic-Ċentru tas-Saħħa, Rahal il-Gdid.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi ikkaġuna mankament jew sfreġju fil-wiċċ ta' Godwin Schembri mill-Fgura skond ma ċċertifika Dr.Jesmond Cassar mic-Centru tas-Saħħa, Raħal il-Ġdid.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza arma irregolari fuq il-persuna ta' Godwin Schembri mill-Fgura.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-giegh ta' Godwin Schembri, wegghu bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' April, 2010, li biha, filwaqt li ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni u l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra tieghu  u cioe' dawk li jirreferu ghar-reati prospettati fl-artikoli 252 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u lliberatu minnhom, wara li rat l-artikoli 214, 218(1)(b) u 338(m)(r)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni indikata fil-paragrafu (a) tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet indikati fil-paragrafu (b) ta' l-istess nota u taghhom ikkundannatu disa' (9) xhur prrigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

3. Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju r-responsabbilita' tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi żmien sentejn.

4. Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' April, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-akkuzi prospettati fl-artikolu 252 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija w piena, jew, fl-eventwalita' li ma tilqax l-ewwel aggravju, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' l-akkuza prospettata fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 u minflok issibu hati ta' l-akkuzi minuri prospettata fl-artikolu 216 tal-

Kapitolu 9 u konsegwentement tvarja l-piena w tikkonfermaha fil-bqija.

5. Fliet l-atti kollha processwali.

6. Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

7. Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

(a) Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel eżami approfondit tżl-fatti li rriżultawlha w per konsegwenza waslet ghal konklużjoni żbaljata fuq bazi ta' ligi ta' ragonevolezza.

(b) Sabiex ikun jista' jsir l-ezami approfondit necessarju ikun utli li jigu riprodotti *verbatim* il-versjonijiet taz-zewg persuni li kienu involuti kif ukoll tal-persuni li raw l-incident. B'hekk jigi evitat ir-riskju li jinqabez xi fatt importanti, kif facilment jista' jigri jekk wiehed jibda jaqbez minn parti tal-process ghal parti ohra tieghu u lura.

(ċ) Illi l-offiza subita minn Godwin Schembri ma hijiex tal-entita' riskontrata mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi ghandu jigi rilevat bl-akbar rispett li l-parti tad-decizjoni fejn instabet htija tar-reat kontemplat fl-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali hija lakonika w ma tinghata ebda raguni ghall-klassifikazzjoni tar-reat in kwistjoni. Huwa risaput li l-ezistenza jew le ta' sfregju tikkostitixxi punt ta' fatt imholli f'idejn il-gudikant skond l-impressjoni li hu, u mhux haddiehor, ikun ircieva meta jara hu stess il- parti leza ta' l-offiz.

(d) Illi tali eżerċizzju jassumi izjed importanza sabiex jigi deciz jekk l-isfregju jwassalx ghall-offiza skond l-artikolu 218 jew dik ta' entita' minuri skond l- artikolu 216. Skond l-imsemmi artikolu 218(1), sabiex l-offiza tigi konsidrata bhala gravissima, jinhtieg li tkun gravi u permanenti. Filwaqt li mhux qed tigi kontestata l-

permanenza ta’ l-isfregju, tali permanenza ma hijiex wahedha sufficjenti ghar-reat kontemplat fl-artikolu 218 jekk ma tkunx abbinata mal- gravita’ ta’ l-istess reat.

(e) Illi fil-kaz in dizamina ma jista’ jkun hemm ebda dubju li l-offiza sofferta minn Godwin Schembri ma hijiex wahda gravissima. Anzi ghandu jigi rilevat li bilkemm jista’ jingħad li gie sodisfatt il-kriterju adoperat għall-isfreġju skond l- artikolu 216, u cioe’ li tkun tidher u taghti fil-għajn minn distanza li hi dik li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma’ xulxin.

Ikkonsidrat

8. Illi jekk wieħed jifli bir-reqqa r-rikors tal-appell, għandu jasal għall-konklużjoni li fil-qosor l-aggravji huma:

(a) Li l-fatti kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti għal deċiżjoni differenti; u
(b) Għalkemm l-offiża bhija waħda permanenti mhix waħda gravi ukoll. Skond l-artikolu 218(1)(b) jridu jissusistu ż-żewġ elementi flimkien biex ikun hemm ir-reat ikkontemplat skont dan l-artikolu. Element wieħed – f’dan il-każ il-permanenza – mhux biżżejjed.

9. L-ewwelnett li din il-Qorti ma tiddisturbax deċiżjoni dwar apprezzament ta’ fatti magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jekk din tkun deċiżjoni li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għaliha.

10. Għalhekk sejra tħares lejn il-provi mill-ġdid biex tara jekk l-Ewwel Qorti, fuq il-provi kif prodotti, setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

**Provi Prosekuzzjoni**

11. Skont l-Ispettur Spiridione Zammit, l-allegat vittma, Godwin Schembri, kellu referral sabiex jagħmel skin graft ġo wiċċu (fol 29 DOk SZ4). Skont ma kien qal l-imputat kien Schembri li mbutah u kaxkru mal-art. Fl-istqarrija l-imputat ma wieġeb għall-ebda mistoqsija. (fol 23).

12. Mill-okkorrenza jirriżulta l-verżjonijiet tal-inċident kif tawhom kemm l-appellant kif ukoll Godwin Schembri. (Ara fol 26)

13. Miċ-ċertifikat a fol 28 jirriżulta li Godwin Schembri kellu gidma fuq in-naħa tax-xellug ta' geddumu b'nuqqas ta' ġilda. Kellu wkoll żewġ girfiet fuq għonqu u tbenġil fuq il-kappell ta' fuq ta' għajnejh xellugija. (fol 28 Dok SI3).

14. Alfred Buttigieg xehed li l-imputat ma kellu xejn f'idejh meta ta daqqa b'idejh ċatta f'wiċċ Godwin Schembri. (fol 30). Godwin Schembri rranka għal Theuma u waqgħu fl-art bl-imputat jispiċċa taħt. Flimkien ma' xi nies oħrajn ipprova jferraqhom. Huwa beda jiġbed lil Schembri.

15. PS 1439 John Tabone xehed li Godwin Schembri kien allega li l-imputat kien tefa' tazza lejn għajnejh. Il-kelma użata minn Schembri kienet 'tahieli f'għajnejja.' L-imputat ħataf bi snienu geddum l-allegat vittma u Schembri sab id-demm fuq wiċċu. Min-nħa l-oħra l-imputat allega li Schembri kien imbuttah fuq mejda. Skont l-imputat, Schembri tefgħu taħtu u beda jagħtih kif ġie, ġie. Schembri kien ra lill-imputat l-għassa u qallu

'Infittxek bil-Qorti u nieħu Lm25,000 lira u nixtri Mercedes minn fuqek.'

16. L-imputat kellu xi ġrieħi ħfief. (fol 40).

17. Godwin Schembri xehed fid-29 ta' Settembru 2008 (fol 57). Huwa xehed li l-imputat kellu f'idejh tazza tal-birra tal-pinta , qabad it-tazza u ċappashielu ma' wiċċu. (fol 58). Imbagħad qam u beda jwaddablu t-tazzi ta' fuq il-mejda. L-imputata gidmu eżatt taħt geddumu. F'xi ħin waqgħu mal-art u imbagħad marru n-nies iferrquhom. Huwa esibixxa numru ta' ritratti li ttieħdu għand il-Photo Colour (faċċata tal-pompla tal-petrol tal-Fgura). Il-photographer Charles Axisa kkonferma bil-ġurament li kien ħa r-ritratti. (fol 74).

18. Minn ċertifikat rilaxxjat minn Dr Mario Scerri jirriżulta li Godwin Schembri, l-allegat vittma, għandu ċikatriċi fuq ix-xellug ta' geddumu.

19. Meta xehed (fol 68), huwa qal li ċ-ċikatriċi hija waħda permanenti u tidher within talking distance.'

20. Xehed ukoll Dr Jesmond Cassar li qal li huwa kien ikkonstata l-feriti bħala ta' natura gravi minħabba li l-isfreġju li kien hemm

*'seta' jħalli marka permanenti, fis-sens illi l-probabilita' illi din il-marka tibqa' tidher.'*

21. Meta reġa' ra lill-vittma fl-Awla, huwa qal li **ma kinitx tidher kerha daqs kemm kienet tidher meta għamel l-eżami** pero' l-marka mhux ser tmur totalment. [1]

**Xhieda Difiża**

**22. L-imputat xehed a fol 85.** Huwa qal li Godwin Schembri kien mar fuqu u kien ser jimbuttah. Ix-xhud iddefenda ruħu billi ħareġ idejh biex jilqgħu. Godwin Schembri imbuttah bil-mejda b'kollox u x-xhud spiċċa taħt il-bankina waqt li Godwin Schembri beda jagħtih bl-addoċċ. **Godwin Schembri qabad lill-imputat minn għonqu u kien ser jifgah.** Meta kienu fl-art Godwin Schembri beda jagħfsu ħafna. F'ħin minnhom qamu u Schembri beda jgħidlu li ser jieħu Lm20,000 minn għandu u li bihom kien ħa jixtri Mercedes. L-imputat kien mar il-poliklinika tar-Raħal Ġdid. Ukoll quddiem il-Pulizija Schembri beda jgħid li ser jeħodlu Lm20 000. Huwa esibixxa erba' ritratti li juru x'tip ta' ġrieħi ġarrab. Ix-xhud ċaħad li huwa f'xi ħin qal lill-Ispettur Zammit li kellu xi tazza f'idejh. (fol 87). Huwa kien għadu jħoss uġigħ f'għonqu.

[1] Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi fid-9 ta' Marzu 2009. (Fol 73). Inqraw l-artikoli. L-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-proċeduri jitkomplew b'mod sommarju.

23. L-imputat ippreżenta ċertifikat li huwa kien attenda xi sessjonijiet tal-Fiżjoterapija.  (fol 91).

24. Xehed ukoll Anthony Compagno li qal li kien ra lil Godwin Schembri sejjer fuq l-imputat. (fol 93).Laurence Theuma kien qam bilwieqfa u għolla jdejh ma' wiċċ Godwin. Godwin Schembri mexa lura, ħa r-rankatura għal fuq l-imputat, u Godwin Schembri tefa' lill-imputat fuq il-mejda.li nqalbet bil-fliexken u t-tazzi. L-imputat ġie taħt Godwin Schembri.li ma setgħu jaqilgħuh b'xejn minn fuq l-imputat..    Theuma kien daharu mal-art u Godwin Schembri **kien b'saqajh fuqu u jissikkalu għonqu b'idejh.**

25. Xhud ieħor tad-difiża kien Emmanuel Zahra (fol 96). Huwa qal li kien ra lil Godwin Schembri sejjer fuq l-imputat li ħareġ idejh biex jilqagħlu iżda Godwin Schembri qabdu bil-mejda b'lollox u tefgħu mal-art.  Godwin Schembri qabad sew fl-imputat u huma ippruvaw jiġbduh u jkaxkruhom it-tnejn f'daqqa. L-imputat kien taħt wiċċu 'l fuq. Meta Godwin Schembri qam bilwieqfa beda jgħid lill-imputat li kien ser jeħodlu Lm20,000.

26. Xehed PS Brian Caruana (fol 101).  Skont dan ix-xhud l-ewwel li kien mar l-għassa kien l-imputat.  Fil-preżenza tiegħu, Godwin Schembri qal lill-imputat 'Qbadtek minn għonqok u imn'Alla kienu sħabek għax inkella ma kontx toroġ minn taħt idejja.'  Qallu wkoll 'Għodda b'waħda din.' Godwin Schembri żied jgħid li ried jeħodlu balla flus lill-imputat.   Ix-xhud ftakar li Schembri kellu d-demm ma' geddumu.

27. Xehed ukoll PS 892 Kevin Grima li qal li sema' lil Godwin Schembri jgħidl lill-imputat 'Qbadtek minn għonqok u li kieku ma kinux sħabek ma kontx toħroġ minn taħt idi.'  Semma wkoll id-danni li kien sofra l-istess Godwin Schmebri u li bihom ser jixtri Mercedes.

28. A fol 113 xehed il-fiżjoterapista Tonio Agius.  Dan ikkonfrma li kien ra lil Laurence Theuma diversi drabi.

Theuma jbati minn spasms fl-għonq bħala riżultat tal-għebusija u l-uġigħ li għandu f'għonqu.

29. Fl-aħħarnett Dr Stephen Spiteri kkonferma d-dokument LT7 a fol 92 tal-proċess u qal li kien eżamina lill-imputat diversi drabi. (fol 149) Illum fieq minn dinn dawk il-ġrieħi li kienu konstatati minnu meta kien rah l-ewwel darba. Iċ-ċertifikat jirreferi għall-sever bruising u superficial wound. Barra minn dan l-imputat ma baqax f'sensih minħabba l-offiża li sofra f'rasu. Kien hemm ukoll offiżi fuq is-sieq tax-xellug 'with two lacerated wounds.'

**L-Ewwel Aggravju - Apprezzament mill-ġdid tal-Fatti Kif ġraw.**

30. Il-Qorti qieset diversi fatturi. Id-difiża għafset fuq il-fatt li Godwin Schembri qal fil-preżenza ta' oħrajn li ried jieħu Lm20,000 minn għand l-imputat. Dawn l-asserzjonijiet ma jfissrux li Godwin Schembri kien qed jivvinta u l-ieħor jgħid il-verita'. Jekk Godwin Schembri diġa' kien konxju ta' x'għandu f'wiċċu m'hi ħaġa kbira xejn li jġħid li jrid ifittex lill-imputat għad-danni.

31. Issa meta xehed Godwin Schembri huwa semma li l-imputat f'idejh kellu tazza tal-birra u ċappashielu ma' wiċċu fuq għajnejh. Kompla jgħid li kien qabad jattakkah, mar fuqu u gidmu eżatt taħt geddumu. [2]
32. Min-naħa l-oħra, mix-xhieda ta' Alfred Buttigieg, jirriżulta li :

(a) L-imputat qal lil Godwin Schembri 'Lilek min kellmek?'
(b) L-imputat kien ta daqqa b'idejh ċatta f'wiċċ Godwin Schembri
(ċ) Li dak il-ħin Godwin Schembri rranka għall-imputat, inqalbu u waqgħu mal-art.

---

(2) Fl-okkorrenza jissemmew kemm l-okkażjoni tat-tazza tal-ħġieġ kif ukoll li l-imputat kien ħataflu geddumu bi snienu (ara fol 26). U jekk l-okkorrenza (peress li hija hearsay) m'għandhiex valur probatorju iżda tista' tintuża sabiex wieħed jikkontrolla l-veriċita' ta' xhud.

(d) Li Alfred Buttigieg beda jiġbed lil Schembri minn saqajh.

**33. Alfred Buttigieg u x-xhieda tad-difiża (inkluż l-imputat)** ħadd ma jsemmi tazzi ma' wiċċ Godwin Schembri **u prattikament kollha jgħidu li l-imputat ħareġ idejh biex jilqa' lil Godwin Schembri. Imbagħad ix-xhieda jagħmlu enfasi fuq l-attakk ta' Godwin Schembri. Saħansitra Anthony Compagno jgħid li Schembri kien fuq u kien qed jissikka għonq Theuma.**

34. Dwar l-ewwel parti kif bdiet il-ġlieda, il-Qorti ssib li l-aktar xhieda li tista' toqgħod fuqha hija dik ta' Alfred Buttigieg. Jidher li l-kliem għas-soddisfazzjon bdieh Schembri iżda l-ewwel daqqa – l-ewwel att fiżiku - ta l-imputat imqar jekk din kienet bl-idejn biss. Il-Qorti qed tqis ukoll li l-imputat kien responsabbli għall-gidma f'wiċċ Godwin Schembri, offiża ppruvata mir-ritratti, mil-lat mediku u mil-lat viżiv.. M'hemmx provi li din l-offiża saret b'xi strument jaqta' u bil-ponta jew li saret minn ħadd ieħor.

35. Issa meta saret il-gidma f'wiċċ Godwin Schembri – fil-bidu jew waqt li l-imputat u Godwin Schembri kienu fuq xulxin fl-art? Fix-xhieda ta' Godwin Schembri din tidher li saret **qabel** ma hu waqa' fuq l-imputat u f'dak il-ħin ma setgħetx titqies bħala self-defence. Ix-xhieda mtellgħin mid-difiża jenfasizzaw l-attakk bis-salt ta' Schembri u li l-imputat spiċċa b'daharu mal-art. Minn dan il-Qorti m'għandhiex dubju. Iżda hemm silenzju dwar il-gidma fil-geddum dap parti tal-appellant għax din tissemma biss minn Godwin Schembri li jirreferi għaliha wkoll fir-rapport tiegħu lill-Pulizija. Il-Qorti qed teskludi li l-appellant seta' jigdem lil Godwin Schembri meta l-appelalnt kien mal-art. Jekk Godwin Schembri kellu siequ fuqu u beda jagħfaslu għonqu, kien impossibbli li l-appellant jigdem lil Godwin Scehmebri f'geddumu. Peress li l-appellant kien qed isofri pressjoni fuq għonqu kien f'qagħda prattikament impossibbli li jgħolli rasu 'l fuq u jigdem lil Schembri fuq geddumu. **Għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha – jiġifieri li fil-bidu tal-inċident kollu l-appellant kien l-aggressur -**

**kemm raġonevolment u legalment. Konsegwentement il-Qorti mhix tilqa' dan l-ewwel aggravju.**

**Dwar in-Natura tal-Offiża (Jew it-tieni aggravju)**

36. Il-Qorti rat lil Godwin Schembri mill-qrib kif għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar ix-xorta ta' offiża li sofra Godwin Schembri b'mod ħafif. Skont l-artikolu 218(1)(b) l-offiża trid tkun gravi u permanenti. Id-difiża mhix tikkontesta l-permanenza iżda qed tgħid li l-offiża mhix gravi. Il-Qorti qieset diversi fatturi. Godwin Schembri huwa raġel twil u għalhekk, bit-tul medju Malti sew anqas minn dak tal-allegat vittma, ħafna ser jispiċċaw iħarsu 'l fuq biex ikellmuh. Fuq dik il-parti in kwistjoni leħja ma tikbirx. Il-Qorti ħarset lejn Godwin Schembri fl-Awla, u rat l-offiża malli nġibdet l-attenzjoni tagħha minn Godwin Schembri. Li kieku ma kenitx tarha. Għaldaqstant il-Qorti qed tqis li l-offiża hija gravi ai termini tal-artikolu 216 (1)(b) tal-Kap 9 u mhux tal-artikolu 218(1)(b). Għalhekk qed tilqa' dan l-aggravju u minflok issib lill-appelalnt ħati taħt la-rtikolu 218(1)(b) qeed issibu ħati taħt l-artikolu 216(1)(b) li huwa reat kompriż u involut fit-tieni imputazzjoni..

**Konklużjoni**

**37. Il-Qorti għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-13 t'April 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-akkużi prospettati fl-artikoli 252 u 339(1)(e) tal-Kap 9; tikkonfermaha wkoll fejn sabitu ħati taħt l-artikolu 338(m)(r)(dd) tal-Kap 9; iżda qed tirrevokaha fejn is-sentenza sabet lill-appellant ħati tal-akkuża prospettata taħt l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9 u minflok qed issibu ħati taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 u konsegwentgement ser tirriforma l-piena billi tirrevoka l-piena ta' priġunerija ta' disa' xhur li kellhom jibqgħu sospiżi għal perjodu ta' sentejn u minflok qegħda, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9,**

**qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' erba' xhur li  għandhom jibqgħu sospiżi għal sena mil-lum.  Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-appellant fi kliem sempliċi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------